MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2009

Numru. 79/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Jurgen Attard ta' 16-il sena, bin John u Joan nee' Parnis, imwieled Rabat (Ghawdex) nhar is-17/07/1991, residenti fil-fond 19, Block 6, Sol Street, Xewkija, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 28091(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Jurgen Attard li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-22 ta' Settembru, 2007, ghall-habta ta' l-04:00hrs ta' filghodu minn gewwa garage fi Triq l-Gharus, Xewkija, Ghawdex;

a) Seraq mutur tal-ghamla Yamaha Bop ta’ lewn ahmar, ghad-detriment ta’ Michael Pace, liema serq huwa aggravat bil-valur, hin u mezz;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li dana l-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Rat is-social inquiry report imhejji mill-Probation Officer Ivan Sultana;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara illi l-Qorti tat zmien ragjonevoli lill-imputat sabiex jikkunsidra l-istess;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-provi migjuba quddiem il-Qorti u fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmula, il-fedina penali nadifa, izda fuq kollox ir-rapport pozittiv imhejji mill-Probation Officer Ivan Sultana;

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 261 (b) (f), 263 (a), 266 (1) (2), 267, 278 (3), 281 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum .

Il-Qorti qeghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perijodu ta’ liberta’ kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------